

32001D0936

L 345/91

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

29.12.2001

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tat-28 ta' Diċembru ta' l-2001****li tidderoga mid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2001/822/KE, rigward ir-regoli ta' oriġini tal-gambli u gambli kbar, li huma preparati u priservati, ġejjin mill-Groenlandja***(notifikata bid-dokument numru K(2001) 4648)*

(2001/936/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/822/KE tas-27 ta'Novembru 2001 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u territorji bar-ranin mal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 37(8)(a) ta' L-Anness III ma' dan,

Billi:

(1) Fit-28 ta'Settembru 2001 il-Groenlandja talbet għal deroga mir-regoli ta' oriġini mniżżla f' l-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/482/KEE ⁽²⁾ rigward kwantità annwali ta' 2 100 tunnellata ta' gambli u gambli kbar, li huma preparati u priservati ta' l-ispeċje (Gambli tan-Nofsinhar), li jiġu esportati mill-Groenlandja fuq perjodu ta' ħames snin.

(2) Il-Groenlandja ibbażat it-talba tagħha fuq il-fatt li matul ċerti perjodi tas-sena jkun hemm nuqqas fil-provvisti tal-gambli u gambli kbar li joriġinaw minn hemm.

(3) B'effett mit-2 ta'Diċembru 2001, id-Deċiżjoni Nru 91/482/KEE, kienet imħassra u minflokha daħlet fis-seħħ id-Deċiżjoni Nru 2001/822/KE.

(4) L-Artikolu 37 ta' l-Anness III tad-Deċiżjoni 2001/822/KE rigward id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti li joriġinaw" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva jipprevedu li deroga mir-regoli ta' oriġini huma permessi meta dan huwa ġustifikat bl-iżvilupp ta' industrija eżistenti jew bil-ħolqien ta' industrija ġodda f'pajjiż jew territorju.

(5) L-Artikolu 37 ta' l-Anness III tad-Deċiżjoni 2001/822/KE jipproduċi mill-ġdid, id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 30 ta' l-Anness II tad-Deċiżjoni 91/482/KEE.

(6) Huwa għalhekk xieraq li t-talba tal-Groenlandja tiġi eżaminata skond l-Artikolu 37 ta' l-Anness III tad-Deċiżjoni 2001/822/KE.

(7) Id-deroga mitluba hija ġustifikata skond l-Anness III tad-Deċiżjoni 2001/822/KE u, speċifikament, skond l-Artikolu 37(7) tagħha, sakemm il-valur miżjud mal-prodotti użati fil-Groenlandja li ma joriġinawx minn hemm ikun ta'aktar minn 45 % tal-valur tal-prodott finali u peress li ma ssirx ħsara serja lis-settur ekonomiku tal-Komunità jew ta'wieħed jew aktar Stati Membri, iżda jridu jiġu rispettati ċerti kondizzjonijiet rigward il-kwantitajiet, sorveljanza u tul ta'żmien.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni mogħtija mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'deroga mid-disposizzjonijiet ta' l-Anness III tad-Deċiżjoni 2001/822/KE, gambli u gambli kbar, li huma preparati u priservati ta' l-ispeċje (Gambli tan-Nofsinhar), mħaddna f'CN kodiċi ex 1605 20, proċessati fil-Groenlandja minn gambli u gambli kbar li ma joriġinawx mir-ġejn, għandhom jitqiesu li fil-fatt joriġinaw fil-Groenlandja skond din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-deroga prevista fl-Artikolu 1 għandha tapplika għall-kwantitajiet murija fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni li huma importati fil-Komunità mill-Groenlandja matul il-perjodu ta' l-1 ta'Jannar 2002 sal-31 ta'Diċembru 2006.

Artikolu 3

1. Il-kwantitajiet imsemmija fl-Anness għandhom ikunu immaniġġjati mill-Kummissjoni, li għandha tiegħu kwalunkwe azzjoni amministrattiva li tikkonsidra xierqa għall-immaniġġjar effettiv.

⁽¹⁾ ĠU L 314, tat-30.11.2001, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 263, tad-19.03.1991, p. 1.

2. Meta impurtatur jippreżenta, fi Stat Membru, dikjarazzjoni ta' dħul għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa, kif ukoll applikazzjoni skond din id-Deċiżjoni, l-Istat Membru għandu, jekk id-dikjarazzjoni kienet aċċettata mill-awtoritajiet tad-dwana, jgħarraf lill-Kummissjoni bix-xewqa tiegħu li jaċċetta l-ammont li jikkorrispondi mal-ħtiġijiet tagħha.

L-applikazzjonijiet biex ikunu jistgħu jiġu irċevuti, għandhom juru d-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjonijiet, u jintbagħtu lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.

L-irtiri għandhom jiġu mogħtija mill-Kummissjoni skond id-data meta d-dikjarazzjonijiet għad-dħul għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa jkun u għew aċċettati mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri, sakemm il-bilanċ disponibbli jippermetti dan.

Fil-każ li Stat Membru jonqos milli juża irtir għandu jirritorna mill-aktar fis possibli, għall-kwota xierqa.

Jekk it-talbiet ikunu aktar mill-bilanċ disponibbli ta' kwota mogħtija, l-kwantitajiet għandhom jiġu allokati fuq bażi pro-rata. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri dwar l-irtirar fuq il-kwoti.

Kull Stat Membru għandu jassigura li l-importaturi jkollhom aċċess kontinwu u ugwali għall-ammonti disponibbli sakemm il-bilanċ jippermetti dan.

Artikolu 4

L-awtoritajiet tad-dwana tal-Groenlandja għandhom jieħdu l-passi neċessarji biex jagħmlu kontrolli kwantitattivi fuq esporti tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1. Minn dak il-għadd, iċ-ċertifikati kollha li joħorġu wara din id-Deċiżjoni għandhom jinkludu riferenza għalihom. L-awtoritajiet kompetenti tal-Groenlandja għandhom kull tliet xhur jibagħtu lill-Kummissjoni, rendikont tal-kwantitajiet li għalihom inħarġu ċertifikati ta' moviment EUR.1, skond din id-Deċiżjoni u n-numri tas-serje ta' dawk iċ-ċertifikati.

Artikolu 5

Kaxxa 7 of EUR.1 ċertifikati maħruġa skond din id-Deċiżjoni għandhom jinkludu waħda mir-referenzi għal din id-Deċiżjoni, li ġejjin:

- “Excepción -...”;
- “Undtagelse - Beslutning...”;
- “Abweichung - Entscheidung...”;
- “Derogation - Decision...”;
- “Deroga - Deċiżjoni...”;
- “Dérogation - Décision...”;
- “Deroga -...”;
- “Afwijking - Beschikking...”;
- “Derrogação - Decisão...”;
- “Poikkeus - Päätös...”;
- “Undantag - beslut nr...”.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2002 sal-31 ta' Diċembru 2006.

Artikolu 7

Dan id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, it-28 Diċembru 2001.

Għall-Kummissjoni
Frederik BOLKESTEIN
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

Groenlandja

In-Nru ta' l-Ordni	Il-Kodiċi ta' l-NM	Id-deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Il-perjodu	(tunnellati)
09.0691	ex 1605 20	Gambli preparati jew priservati u gambli gbar ta' l-ispeċi Gambli tan-Nofsinhar	ta' l-1.1.2002 sal-31.12.2002	2 100
			ta' l-1.1.2003 sal-31.12.2003	2 100
			ta' l-1.1.2004 sal-31.12.2004	2 100
			ta' l-1.1.2005 sal-31.12.2005	2 100
			ta' l-1.1.2006 sal-31.12.2006	2 100